Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1708

5.8.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1708

tad-29 ta' Lulju 2025

dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi Franza u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1336

(notifikata bid-dokument C(2025) 5363)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda hija marda infettiva li tinġarr minn vettur u li taffettwa lill-annimali bovini. L-okkorrenza tagħha tista' tħalli impatt sever fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja, u tikkawża disturb fil-movimenti ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) Fil-każ ta' tifqigħa tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fl-annimali bovini, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra tal-annimali bovini, b'mod partikolari minħabba l-mod ewlieni ta' trażmissjoni tagħha permezz tal-vetturi.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda, u ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi mill-inqas żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u, jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1336 ([4]) ġiet adottata abbażi tar-Regolament (UE) 2016/429 u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza interim relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi Franza.

(5) B'mod aktar partikolari, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1336 tirrikjedi l-istabbiliment ta' żoni ristretti skont it-tifsira tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 f'dak l-Istat Membru, u li jiġu determinati ż-żoni elenkati fl-Annessi rispettivi tagħhom bħala tali żoni.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1336 tat-3 ta' Lulju 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza interim relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi Franza (ĠU L, 2025/1336, 4.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1336/oj).

(6) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1336, Franza nnotifikat lill-Kummissjoni dwar 33 tifqigħa addizzjonali tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fi stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini fil-muniċipalitajiet ta' Chambéry u Annecy, id-départements ta' Savoie u Haute Savoie, ir-reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpe, li ġew irrapportati bejn 4–23 ta' Lulju 2025. B'reazzjoni għal dawn it-tifqigħat, Franza stabbiliet żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fid-dipartimenti ta' Ain, Isere, Savoie, u Haute Savoie, reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpe, fejn jiġu applikati l-miżuri ta' kontroll tal-mard stabbiliti f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(7) Id-daqs taż-żoni indikati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll id-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żona ta' protezzjoni u taż-żona ta' sorveljanza, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, ma jqisux biss is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda fiż-żoni milquta minn dik il-marda, iżda anke fatturi epidemjoloġiċi oħra, fosthom il-parametri ġeografiċi u r-riskju li l-marda tkompli tinxtered fid-dawl tal-preżenza ta' insetti vetturi. Anke meta ntgħażlet id-durata tal-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni tqiesu l-istandards internazzjonali tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali ([5]).

(8) Ir-Regolament (UE) 2016/429, b'mod partikolari l-Artikolu 69, jipprevedi li l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tuża tilqim protettiv ta' emerġenza fejn meħtieġ għall-kontroll effettiv ta' marda elenkata fl-annimali miżmuma. Għal dak l-għan, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi żoni ta' tilqim u timplimenta pjan uffiċjali ta' tilqim li jissodisfa rekwiżiti speċifiċi. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 ([6]), li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi, inter alia, ir-regoli speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri meta jużaw tilqim protettiv ta' emerġenza fl-annimali bovini għall-prevenzjoni jew għall-kontroll ta' marda elenkata. Dak ir-Regolament Delegat fih ukoll il-kundizzjonijiet li fihom jista' jiġi permess il-moviment ta' annimali mlaqqma u tal-prodotti tagħhom. Il-kundizzjonijiet speċifiċi għat-tilqim protettiv ta' emerġenza kontra l-infezzjoni bil-marda tal-infafet fil-ġilda huma stabbiliti fl-Anness IX ta' dak ir-Regolament Delegat.

(9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/140 ([7]) jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-banek tal-Unjoni tal-antiġeni, tal-vaċċini u tar-reaġenti dijanjostiċi. B'mod partikolari, jistabbilixxi r-rekwiżiti proċedurali u tekniċi skont l-Artikolu 8 għall-Istati Membri biex jitolbu aċċess ta' emerġenza għall-vaċċini, inklużi dawk għall-marda tal-infafet fil-ġilda, mill-banek tat-tilqim.

(10) Fl-1 ta' Lulju 2025, Franza ssottomettiet lill-Kummissjoni l-pjan ta' tilqim uffiċjali tagħha għat-tilqim protettiv ta' emerġenza kontra l-infezzjoni bil-marda tal-infafet fil-ġilda. Il-pjan jinkludi informazzjoni dwar l-ambitu ġeografiku u amministrattiv taż-żona ta' tilqim, l-għadd ta' stabbilimenti u l-annimali li jridu jitlaqqmu, u d-durata tat-tilqim, kif meħtieġ mill-Artikolu 6(4), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361. Talbu wkoll dożi suffiċjenti ta' vaċċini mill-bank tal-vaċċini tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/140 sabiex jibdew it-tilqim protettiv ta' emerġenza fit-territorju tal-erba' départements ta' Ain, Savoie, Haute-Savoie u Isère fir-reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpes ta' Franza.

(11) Il-kundizzjonijiet li fihom Franza għandha tapplika tilqim protettiv ta' emerġenza kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda, kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li għandhom jittieħdu għall-moviment ta' annimali mlaqqmin u l-prodotti tagħhom huma stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361. F'konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet, it-tilqim jista' jiġi implimentat fiż-żoni ta' tilqim I jew II, skont il-konferma tal-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda.

([5]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/terrestrial-code-online-access/.

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/361 tat-28 ta' Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-użu ta' ċerti prodotti mediċinali veterinarji għall-finijiet tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 52, 20.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/361/oj).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/140 tas-16 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-banek tal-Unjoni tal-antiġeni, tal-vaċċini u tar-reaġenti dijanjostiċi (ĠU L 23, 2.2.2022, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/140/oj).

(12) It-tip, id-daqs u d-durata taż-żoni ta' tilqim I u II jista' jkollhom bżonn jiġu aġġustati fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi u l-progress tal-kampanji ta' tilqim, b'mod partikolari filwaqt li jitqies il-livell li qed jevolvi tal-kopertura tat-tilqim miksub. Fejn xieraq jew meħtieġ, żona ta' tilqim II jew parti minnha jista' jkollha bżonn tiġi kkonvertita f'żona ta' tilqim I u viċi versa, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/361 u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri affettwati. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu indikati, fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, id-dati għall-konverżjoni ta' tip wieħed ta' żona ta' tilqim għal oħra.

(13) Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali u r-riskju li l-infezzjoni bil-virus tal-marda tal-infafet fil-ġilda tista' tinfirex minn annimali bovini infettati b'mod subkliniku, jeħtieġ li jiġi pprojbit il-moviment ta' dawn l-annimali minn kwalunkwe post fiż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza, lejn destinazzjonijiet barra mill-perimetri esterni ta' dawk iż-żoni fi Franza jew barra minn dak l-Istat Membru.

(14) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni, u biex jiġi evitat li pajjiżi terzi jimponu ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ, iż-żoni identifikati bħala żoni ta' protezzjoni u sorveljanza u ż-żona ta' tilqim, jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, u tiġi stabbilita d-durata ta' dawk il-miżuri, f'kollaborazzjoni ma' dak l-Istat Membru.

(15) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali, iż-żoni ristretti u ż-żoni ta' tilqim jenħtieġ li jiġu definiti b'mod ċar f'termini tal-ambitu ġeografiku tagħhom u d-durata tagħhom biex jiġi evitat it-tixrid ulterjuri tal-marda fi Franza lejn Stati Membri oħra jew lejn pajjiżi terzi. Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jenħtieġ li japplikaw malajr kemm jista' jkun.

(16) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1336 titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Franza għandha tiżgura li:

(a) żona ristretta, li tinkludi ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, tiġi stabbilita minnufih mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(b) l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru jistabbilixxu minnufih żoni ta' tilqim f'konformità mal-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament Delegat (UE) 2023/361, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness;

(c) iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza msemmija fil-punt (a) kif ukoll iż-żona ta' tilqim imsemmija fil-punt (b) jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni;

(d) il-miżuri li jeħtieġ jiġu applikati fiż-żona ta' protezzjoni u sorveljanza kif ukoll fiż-żona ta' tilqim jibqgħu jiġu applikati mill-inqas sad-dati elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Franza għandha tiżgura li l-movimenti tal-annimali bovini miż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza stabbiliti fl-Anness I lejn destinazzjoni li tinsab barra mill-perimetru estern ta' dawk iż-żoni fi Franza jew barra minn dak l-Istat Membru jkunu pprojbiti sad-dati elenkati f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1336 titħassar.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Parti A: Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħat ikkonfermati

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Ir-reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpes FR-LSD-2025-00001 FR-LSD-2025-00002 FR-LSD-2025-00003 FR-LSD-2025-00004 FR-LSD-2025-00005 FR-LSD-2025-00006 FR-LSD-2025-00007 FR-LSD-2025-00008 FR-LSD-2025-00009 FR-LSD-2025-00010 FR-LSD-2025-00011 FR-LSD-2025-00012 FR-LSD-2025-00013 FR-LSD-2025-00014 FR-LSD-2025-00015 FR-LSD-2025-00016 FR-LSD-2025-00017 FR-LSD-2025-00018 FR-LSD-2025-00019 FR-LSD-2025-00020 FR-LSD-2025-00021 FR-LSD-2025-00022 FR-LSD-2025-00023 FR-LSD-2025-00024 FR-LSD-2025-00025 FR-LSD-2025-00026 FR-LSD-2025-00027 FR-LSD-2025-00028 FR-LSD-2025-00029 FR-LSD-2025-00030 FR-LSD-2025-00031 FR-LSD-2025-00032 FR-LSD-2025-00033 FR-LSD-2025-00034	Żona ta' protezzjoni: Il-muniċipalitajiet li ġejjin fid-départements li ġejjin mir-reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpes: **Id-département ta' AIN** — Andert-et-Condon — Anglefort — Arboys en Bugey — Artemare — Belley — Valromey-sur-Séran — Brens — Ceyzérieu — Champagne-en-Valromey — Chazey-Bons — Cheignieu-la-Balme — Contrevoz — Corbonod — Cressin-Rochefort — Culoz-Béon — Cuzieu — Flaxieu — Lavours — Magnieu — Marignieu — Massignieu-de-Rives — Parves et Nattages — Peyrieu — Pollieu — Saint-Germain-les-Paroisses — Saint-Martin-de-Bavel — Seyssel — Talissieu — Virieu-le-Grand — Arvière-en-Valromey — Virignin — Vongnes **Id-département ta' SAVOIE** — Aillon-le-Jeune — Aillon-le-Vieux — Aime-la-Plagne — Aiton — Aix-les-Bains — Entrelacs — Albertville — Allondaz — Arith — La Balme — La Bâthie — Beaufort — Bellecombe-en-Bauges — Billième — La Biolle — Bonvillard — Bonvillaret — Bourdeau	24.8.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Le Bourget-du-Lac — Bourgneuf — Bourg-Saint-Maurice — Brison-Saint-Innocent — Césarches — Cevins — Chamousset — Chanaz — La Chapelle-du-Mont-du-Chat — Les Chapelles — La Chapelle-Saint-Martin — Le Châtelard — Chindrieux — Cléry — Cohennoz — La Compôte — Conjux — Crest-Voland — Les Déserts — Doucy-en-Bauges — Drumettaz-Clarafond — École — Esserts-Blay — Flumet — Fréterive — Frontenex — La Giettaz — Gilly-sur-Isère — Grésy-sur-Aix — Grésy-sur-Isère — Grignon — Hauteluce — Jarsy — Jongieux — Lescheraines — Loisieux — Lucey — La Plagne Tarentaise — Marthod — Mercury — Méry — Meyrieux-Trouet — Montailleur — Montcel — Monthion — Montsapey — La Motte-en-Bauges — La Motte-Servolex — Motz — Mouxy — Notre-Dame-de-Bellecombe — La Léchère — Notre-Dame-des-Millières — Le Noyer — Ontex — Pallud — Plancherine — Pugny-Chatenod — Queige — Val-d'Arc	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Rognaix — Ruffieux — Saint-François-de-Sales — Sainte-Hélène-sur-Isère — Saint-Jean-de-Chevelu — Saint-Nicolas-la-Chapelle — Saint-Offenge — Saint-Ours — Saint-Paul-sur-Isère — Saint-Paul-sur-Yenne — Saint-Pierre-d'Albigny — Saint-Pierre-de-Curtille — Sainte-Reine — Saint-Vital — Serrières-en-Chautagne — Sonnaz — Thénésol — Tournon — Tours-en-Savoie — Traize — Tresserve — Trévignin — Ugine — Venthon — Verel-Pragondran — Verrens-Arvey — Verthemex — Villard-sur-Doron — Vions — Viviers-du-Lac — Voglans — Yenne **Id-département ta' HAUTE-SAVOIE** — Alby-sur-Chéran — Alex — Allèves — Annecy — Argonay — La Balme-de-Sillingy — La Balme-de-Thuy — Bassy — Bloye — Bluffy — Le Bouchet-Mont-Charvin — Boussy — Chainaz-les-Frasses — La Chapelle-Saint-Maurice — Chapeiry — Chavanod — Chevaline — Chilly — Choisy — Clermont — Les Clefs — La Clusaz — Combloux — Les Contamines-Montjoie — Cordon — Crempigny-Bonneguête — Cusy — Cuvat	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Demi-Quartier — Desingy — Dingy-Saint-Clair — Domancy — Doussard — Droisy — Duingt — Entrevernes — Epagny Metz-Tessy — Étercy — Faverges-Seythenex — Giez — Le Grand-Bornand — Gruffy — Hauteville-sur-Fier — Héry-sur-Alby — Lathuile — Leschaux — Lornay — Lovagny — Manigod — Marcellaz-Albanais — Marigny-Saint-Marcel — Val de Chaise — Massingy — Megève — Menthon-Saint-Bernard — Menthonnex-sous-Clermont — Mésigny — Montagny-les-Lanches — Moye — Mûres — Nonglard — Poisy — Praz-sur-Arly — Quintal — Rumilly — Saint-Eusèbe — Saint-Eustache — Saint-Félix — Saint-Ferréol — Saint-Gervais-les-Bains — Saint-Jean-de-Sixt — Saint-Jorioz — Saint-Sylvestre — Sales — Sallanches — Sallenôves — Serraval — Sevrier — Seyssel — Sillingy — Talloires-Montmin — Thônes — Thusy — Vallières-sur-Fier — Vaulx — Versonnex — Veyrier-du-Lac — Les Villards-sur-Thônes — Viuz-la-Chiésaz	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	Żona ta' sorveljanza: Il-muniċipalitajiet li ġejjin fid-départements li ġejjin mir-reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpes: **Id-département ta' AIN** **Id-département ta' AIN** — Andert-et-Condon — Anglefort — Arboys en Bugey — Artemare — Belley — Valromey-sur-Séran — Brens — Ceyzérieu — Champagne-en-Valromey — Chazey-Bons — Cheignieu-la-Balme — Contrevoz — Corbonod — Cressin-Rochefort — Culoz-Béon — Cuzieu — Flaxieu — Lavours — Magnieu — Marignieu — Massignieu-de-Rives — Parves et Nattages — Peyrieu — Pollieu — Saint-Germain-les-Paroisses — Saint-Martin-de-Bavel — Seyssel — Talissieu — Virieu-le-Grand — Arvière-en-Valromey — Virignin — Vongnes **Id-département ta' SAVOIE** — Aillon-le-Jeune — Aillon-le-Vieux — Aime-la-Plagne — Aiton — Aix-les-Bains — Entrelacs — Albertville — Allondaz — Arith — La Balme — La Bâthie — Beaufort — Bellecombe-en-Bauges — Billième — La Biolle — Bonvillard — Bonvillaret — Bourdeau — Le Bourget-du-Lac — Bourgneuf — Bourg-Saint-Maurice — Brison-Saint-Innocent	25.8.2025 – 10.9.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Césarches — Cevins — Chamousset — Chanaz — La Chapelle-du-Mont-du-Chat — Les Chapelles — La Chapelle-Saint-Martin — Le Châtelard — Chindrieux — Cléry — Cohennoz — La Compôte — Conjux — Crest-Voland — Les Déserts — Doucy-en-Bauges — Drumettaz-Clarafond — École — Esserts-Blay — Flumet — Fréterive — Frontenex — La Giettaz — Gilly-sur-Isère — Grésy-sur-Aix — Grésy-sur-Isère — Grignon — Hauteluce — Jarsy — Jongieux — Lescheraines — Loisieux — Lucey — La Plagne Tarentaise — Marthod — Mercury — Méry — Meyrieux-Trouet — Montailleur — Montcel — Monthion — Montsapey — La Motte-en-Bauges — La Motte-Servolex — Motz — Mouxy — Notre-Dame-de-Bellecombe — La Léchère — Notre-Dame-des-Millières — Le Noyer — Ontex — Pallud — Plancherine — Pugny-Chatenod — Queige — Val-d'Arc — Rognaix — Ruffieux — Saint-François-de-Sales — Sainte-Hélène-sur-Isère	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Saint-Jean-de-Chevelu — Saint-Nicolas-la-Chapelle — Saint-Offenge — Saint-Ours — Saint-Paul-sur-Isère — Saint-Paul-sur-Yenne — Saint-Pierre-d'Albigny — Saint-Pierre-de-Curtille — Sainte-Reine — Saint-Vital — Serrières-en-Chautagne — Sonnaz — Thénésol — Tournon — Tours-en-Savoie — Traize — Tresserve — Trévignin — Ugine — Venthon — Verel-Pragondran — Verrens-Arvey — Verthemex — Villard-sur-Doron — Vions — Viviers-du-Lac — Voglans — Yenne **Id-département ta' HAUTE-SAVOIE** — Alby-sur-Chéran — Alex — Allèves — Annecy — Argonay — La Balme-de-Sillingy — La Balme-de-Thuy — Bassy — Bloye — Bluffy — Le Bouchet-Mont-Charvin — Boussy — Chainaz-les-Frasses — La Chapelle-Saint-Maurice — Chapeiry — Chavanod — Chevaline — Chilly — Choisy — Clermont — Les Clefs — La Clusaz — Combloux — Les Contamines-Montjoie — Cordon — Crempigny-Bonneguête — Cusy — Cuvat — Demi-Quartier — Desingy — Dingy-Saint-Clair	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Domancy — Doussard — Droisy — Duingt — Entrevernes — Epagny Metz-Tessy — Étercy — Faverges-Seythenex — Giez — Le Grand-Bornand — Gruffy — Hauteville-sur-Fier — Héry-sur-Alby — Lathuile — Leschaux — Lornay — Lovagny — Manigod — Marcellaz-Albanais — Marigny-Saint-Marcel — Val de Chaise — Massingy — Megève — Menthon-Saint-Bernard — Menthonnex-sous-Clermont — Mésigny — Montagny-les-Lanches — Moye — Mûres — Nonglard — Poisy — Praz-sur-Arly — Quintal — Rumilly — Saint-Eusèbe — Saint-Eustache — Saint-Félix — Saint-Ferréol — Saint-Gervais-les-Bains — Saint-Jean-de-Sixt — Saint-Jorioz — Saint-Sylvestre — Sales — Sallanches — Sallenôves — Serraval — Sevrier — Seyssel — Sillingy — Talloires-Montmin — Thônes — Thusy — Vallières-sur-Fier — Vaulx — Versonnex — Veyrier-du-Lac — Les Villards-sur-Thônes — Viuz-la-Chiésaz	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	Żona ta' sorveljanza: Il-muniċipalitajiet li ġejjin fid-départements li ġejjin mir-reġjun ta' Auvergne-Rhône-Alpes: **Id-département ta' AIN** — L'Abergement-de-Varey — Ambérieu-en-Bugey — Ambléon — Ambronay — Ambutrix — Apremont — Aranc — Arandas — Argis — Armix — Bellignat — Valserhône — Belleydoux — Bénonces — Bettant — Billiat — Blyes — Boyeux-Saint-Jérôme — Brégnier-Cordon — Brénod — Brion — Briord — La Burbanche — Ceignes — Cerdon — Chaley — Challes-la-Montagne — Challex — Champdor-Corcelles — Champfromier — Chanay — Charix — Château-Gaillard — Chazey-sur-Ain — Chevillard — Chevry — Chézery-Forens — Cleyzieu — Collonges — Colomieu — Conand — Condamine — Confort — Conzieu — Corlier — Crozet — Douvres — Échallon — Évosges — Farges — Ferney-Voltaire — Béard-Géovreissiat — Giron — Groissiat — Hautecourt-Romanèche	10.9.2025

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Plateau d'Hauteville — Haut Valromey — Injoux-Génissiat — Innimond — Izenave — Izernore — Izieu — Jujurieux — Labalme — Lagnieu — Le Poizat-Lalleyriat — Lantenay — Léaz — Lélex — Leyment — Leyssard — Surjoux-Lhopital — Lhuis — Lompnas — Loyettes — Maillat — Marchamp — Martignat — Mérignat — Montagnieu — Montanges — Montréal-la-Cluse — Nurieux-Volognat — Murs-et-Gélignieux — Nantua — Neuville-sur-Ain — Les Neyrolles — Nivollet-Montgriffon — Oncieu — Ordonnaz — Outriaz — Oyonnax — Péron — Peyriat — Plagne — Poncin — Pont-d'Ain — Port — Pougny — Prémeyzel — Prémillieu — Prévessin-Moëns — Priay — Rossillon — Saint-Alban — Groslée-Saint-Benoit — Saint-Denis-en-Bugey — Saint-Genis-Pouilly — Saint-Germain-de-Joux — Saint-Jean-de-Gonville — Saint-Jean-de-Niost — Saint-Jean-le-Vieux — Sainte-Julie — Saint-Martin-du-Frêne — Saint-Maurice-de-Rémens	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Saint-Rambert-en-Bugey — Saint-Sorlin-en-Bugey — Saint-Vulbas — Sault-Brénaz — Seillonnaz — Sergy — Serrières-de-Briord — Serrières-sur-Ain — Souclin — Tenay — Thoiry — Torcieu — Vaux-en-Bugey — Vieu-d'Izenave — Villebois — Villes **Id-département ta' ISERE** — Les Abrets en Dauphiné — Allevard — Annoisin-Chatelans — Aoste — Les Avenières Veyrins-Thuellin — La Balme-les-Grottes — Barraux — La Bâtie-Montgascon — Bilieu — Blandin — Le Bouchage — Bourgoin-Jallieu — Bouvesse-Quirieu — Brangues — La Buissière — Cessieu — Chapareillan — La Chapelle-de-la-Tour — La Chapelle-du-Bard — Charancieu — Charavines — Charette — Chassignieu — Chélieu — Le Cheylas — Chimilin — Chirens — Corbelin — Courtenay — Crémieu — Creys-Mépieu — Dizimieu — Doissin — Dolomieu — Entre-deux-Guiers — Faverges-de-la-Tour — Le Haut-Bréda — La Flachère — Goncelin — Granieu — Hières-sur-Amby — Leyrieu — Massieu	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Merlas — Miribel-les-Échelles — Montagnieu — Montalieu-Vercieu — Montcarra — Montferrat — Moras — Morestel — Le Moutaret — Optevoz — Oyeu — Villages du Lac de Paladru — Parmilieu — Le Passage — Arandon-Passins — Pontcharra — Le Pont-de-Beauvoisin — Porcieu-Amblagnieu — Pressins — Rochetoirin — Romagnieu — Ruy-Montceau — Saint-Albin-de-Vaulserre — Saint-André-le-Gaz — Saint-Aupre — Saint-Baudille-de-la-Tour — Sainte-Blandine — Saint-Bueil — Saint-Chef — Saint-Christophe-sur-Guiers — Saint-Clair-de-la-Tour — Saint-Didier-de-la-Tour — Saint-Étienne-de-Crossey — Saint-Geoire-en-Valdaine — Saint-Hilaire-de-Brens — Plateau-des-Petites-Roches — Saint-Jean-d'Avelanne — Saint-Jean-de-Soudain — Saint-Joseph-de-Rivière — Saint-Laurent-du-Pont — Sainte-Marie-d'Alloix — Sainte-Marie-du-Mont — Saint-Martin-de-Vaulserre — Saint-Maximin — Saint-Nicolas-de-Macherin — Saint-Ondras — Crêts en Belledonne — Saint-Pierre-de-Chartreuse — Saint-Pierre-d'Entremont — Saint-Savin — Saint-Sorlin-de-Morestel — Saint-Sulpice-des-Rivoires — Saint-Victor-de-Cessieu — Saint-Victor-de-Morestel — Saint-Vincent-de-Mercuze — Salagnon — Sérézin-de-la-Tour — Sermérieu — Siccieu-Saint-Julien-et-Carisieu — Soleymieu	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Theys — Torchefelon — La Tour-du-Pin — Le Touvet — Trept — Valencogne — Vasselin — Velanne — Vénérieu — Vernas — Vertrieu — Vézeronce-Curtin — Vignieu — Villemoirieu — Val-de-Virieu — Voiron — Voissant **Id-département ta' SAVOIE** — Aiguebelette-le-Lac — Grand-Aigueblanche — Les Allues — Apremont — Arbin — Argentine — Arvillard — Attignat-Oncin — Les Avanchers-Valmorel — Avressieux — Ayn — Barberaz — Barby — Bassens — La Bauche — Belmont-Tramonet — Betton-Bettonet — Bourget-en-Huile — Bozel — Brides-les-Bains — La Bridoire — Challes-les-Eaux — Chambéry — La Chambre — Chamoux-sur-Gelon — Champagneux — Champagny-en-Vanoise — Champ-Laurent — La Chapelle — La Chapelle-Blanche — Châteauneuf — La Chavanne — Les Chavannes-en-Maurienne — Chignin — Cognin — Coise-Saint-Jean-Pied-Gauthier — Corbel — La Croix-de-la-Rochette — Cruet — Curienne — Détrier — Domessin	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Dullin — Les Échelles — Entremont-le-Vieux — Épierre — Feissons-sur-Salins — Gerbaix — Hautecour — Hauteville — La Tour-en-Maurienne — Jacob-Bellecombette — Jarrier — Laissaud — Landry — Lépin-le-Lac — Porte-de-Savoie — Marcieux — Les Mollettes — Montagnole — Montagny — Montendry — Montgilbert — Montmélian — Montvalezan — Montvernier — Moûtiers — Myans — Nances — Notre-Dame-du-Cruet — Notre-Dame-du-Pré — Novalaise — Peisey-Nancroix — Planaise — Planay — Le Pont-de-Beauvoisin — Le Pontet — Pralognan-la-Vanoise — Presle — Puygros — La Ravoire — Rochefort — Valgelon-La Rochette — Rotherens — Saint-Alban-de-Montbel — Saint-Alban-d'Hurtières — Saint-Alban-des-Villards — Saint-Alban-Leysse — Saint-Avre — Saint-Baldoph — Saint-Béron — Courchevel — Saint-Cassin — Saint-Christophe — Saint-Colomban-des-Villards — Saint-Étienne-de-Cuines — Sainte-Foy-Tarentaise — Saint-Franc — Saint François Longchamp — Saint-Genix-les-Villages — Saint-Georges-d'Hurtières — Sainte-Hélène-du-Lac	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Saint-Jean-d'Arvey — Saint-Jean-de-Couz — Saint-Jean-de-la-Porte — Saint-Jean-de-Maurienne — Saint-Jeoire-Prieuré — Saint-Julien-Mont-Denis — Saint-Léger — Saint-Marcel — Sainte-Marie-d'Alvey — Sainte-Marie-de-Cuines — Les Belleville — Saint-Martin-sur-la-Chambre — Saint-Pierre-d'Alvey — Saint-Pierre-de-Belleville — Saint-Pierre-d'Entremont — Saint-Pierre-de-Genebroz — Saint-Pierre-de-Soucy — Saint-Rémy-de-Maurienne — Saint-Sulpice — Saint-Thibaud-de-Couz — Salins-Fontaine — Séez — La Table — Thoiry — La Thuile — La Trinité — Verel-de-Montbel — Le Verneil — Villard-d'Héry — Villard-Léger — Villard-Sallet — Villaroger — Villaroux — Vimines — Val-d'Isère — Tignes **Id-département ta' HAUTE-SAVOIE** — Allonzier-la-Caille — Amancy — Ambilly — Andilly — Annemasse — Arâches-la-Frasse — Arbusigny — Archamps — Arenthon — Arthaz-Pont-Notre-Dame — Ayse — Beaumont — Bellevaux — Boëge — Bogève — Bonne — Bonneville — Bossey — Brizon — Cercier — Cernex — Challonges — Chamonix-Mont-Blanc	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— La Chapelle-Rambaud — Charvonnex — Châtillon-sur-Cluses — Chaumont — Chavannaz — Chêne-en-Semine — Chênex — Chessenaz — Chevrier — Clarafond-Arcine — Cluses — Collonges-sous-Salève — Contamine-Sarzin — Contamine-sur-Arve — Copponex — Cornier — La Côte-d'Arbroz — Cranves-Sales — Cruseilles — Dingy-en-Vuache — Éloise — Essert-Romand — Etaux — Étrembières — Faucigny — Feigères — Fillinges — Franclens — Frangy — Gaillard — Les Gets — Groisy — Habère-Lullin — Les Houches — Jonzier-Épagny — Juvigny — Lucinges — Magland — Marcellaz — Marignier — Marlioz — Marnaz — Mégevette — Menthonnex-en-Bornes — Mieussy — Minzier — Monnetier-Mornex — Montriond — Mont-Saxonnex — Morillon — Morzine — La Muraz — Musièges — Nancy-sur-Cluses — Nangy — Nâves-Parmelan — Neydens — Onnion — Passy — Peillonnex	

Żona amministrattiva u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigha	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	— Pers-Jussy — Glières-Val-de-Borne — Présilly — Reignier-Ésery — Le Reposoir — La Rivière-Enverse — La Roche-sur-Foron — Saint-André-de-Boëge — Saint-Blaise — Saint-Germain-sur-Rhône — Saint-Jean-d'Aulps — Saint-Jean-de-Tholome — Saint-Jeoire — Saint-Julien-en-Genevois — Saint-Laurent — Saint-Pierre-en-Faucigny — Saint-Sigismond — Saint-Sixt — Samoëns — Le Sappey — Savigny — Scientrier — Scionzier — Servoz — Seytroux — Sixt-Fer-à-Cheval — Taninges — Thyez — Fillière — La Tour — Usinens — Valleiry — Vallorcine — Vanzy — Verchaix — Vers — Vétraz-Monthoux — Villard — Villaz — Ville-en-Sallaz — Ville-la-Grand — Villy-le-Bouveret — Villy-le-Pelloux — Viry — Viuz-en-Sallaz — Vougy — Vovray-en-Bornes — Vulbens	

ANNESS II

Parti A: Żona tat-tilqim II

Il-muniċipalitajiet tad-départements elenkati fl-Anness I sat-30.9.2025.

Parti B: Żona tat-tilqim I

Il-muniċipalitajiet tad-départements elenkati fl-Anness I mill-1.10.2025.